MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 631/2014

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 974/14**

**tas-16 ta' Gunju, 2014, u fl-atti tar-Rikors**

**Numru 566/14 fl-ismijiet:**

**Maria Dolores Camilleri**

**(I.D. 787055 M)**

**vs**

**David Thomas Groves (I.D. 64401A)**

**u Donna Marie Groves (I.D. 64400A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors ta’ David Thomas Groves u Donna Marie Groves datat il-15 ta’ Lulju, 2014, li permezz tieghu esponew sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi l-intimata odjerna Camilleri intavolat il-mandat ta’ sekwestru u r-rikors guramentat fuq riferiti a bazi ta’ assenjazzjoni u cessjoni ta’ l-inkwilinat tal-fond 12/13, *The Ministrels Bar & Restaurant* u wara *Hanna’s Bar & Restaurant* li kienet kriet lil Joseph Grixti bid-dritt ta’ cessjoni u li min-naha tieghu assenja lil Sabina Billings, li sussegwentement kienet ukoll cediet l-istess kirja lir-rikorrenti odjerna, (ara foll 3);

1.2. Illi sussegwentement, l-istess rikorrenti odjerni ghaddew il-kirja in dizamina lil Rayston David Lawson, u dan, ghall-habta ta’ Mejju, 2011;

1.3. Illi r-rikorrenti odjerni qatt ma kienu registrati bhala l-persuni responsabbli ghall-arloggi tad-dawl u l-ilma;

1.4. Illi l-istess arloggi indikati fil-paragrafu precedenti kienu registrati f’isem Sabina Billings meta din kienet topera r-*restaurant*, u immedjatament wara, dawn gew trasferiti fuq isem Ray Lawson;

1.5. Illi minn Mejju, 2011, sallum, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tar-*restaurant de quo* dejjem kienu mhallsa mill-imsemmi Ray Lawson u qatt mir-rikorrenti odjerni;

1.6. Illi l-imsemmi Lawson ghad fadallu bilanc x'ihallas ghall-istess kontijiet;

1.7. Illi l-uniku persuna responsabbli ghall-pagament tal-konsum ta' dawl u ilma, u ghall-kiri tal-arloggi relattivi, hu biss il-persuna debitament registrata bhala konsumatur;

1.8. Illi ghalhekk, la l-Awtoritajiet kompetenti li jipprovdu dawn is-servizzi u lanqas Maria Dolores Camilleri, m'ghandhom dritt jippretendu l-pagamenti involuti minghand ir-rikorrenti odjerni fuq indikati;

1.9. Illi *di piu`*, l-istess awtoritajiet u persuni indikati fil-paragrafu precedenti m'ghandhom l-ebda dritt jintavolaw mandat ta' sekwestru ghall-hlas tal-imsemmija pagamenti u dan, minn persuna li m'ghandhu l-ebda obbligu li jaghmel dan;

1.10. Illi ghalhekk is-sekwestru *de quo* inhareg b'mod frivolu u vessatorju, forsi anke malizjozament;

1.11. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti odjerni aderew din il-qorti u talbuha s-segwenti:

1.11.1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina;

1.11.2. Tikkundanna lil Maria Dolores Camilleri thallas penali taht l-artiklu 836 (8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.0. Rat ir-risposta ta' Maria Dolores Camilleri datata l-4 t'Awwissu, 2014, li permezz taghha rrispondiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi toggezzjona ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti li s-sekwestru minnha intavolat hu infondat u vessatorju;

2.2. Illi r-rikorrenti odjerni Groves kienu jikru l-fond in dizamina sa minn Mejju, 2011, fejn bi ksur ta' l-obbligi kuntrattwali taghhom hallew kontijiet ta' oltre hmistax -il elf Ewro, (€15,000.00);

2.3. Illi fid-29 ta' Mejju, 2014, iffirmaw skrittura ta' terminazzjoni fejn iddikjaraw li ma kienu hallew l-ebda kontijiet pendenti;

2.4. Illi kien l-agir irresponsabbli taghhom li wassal ghall-proceduri in dizamina;

2.5. Illi l-ammont sekwestrat ghadu mhux kollu kawtelat;

3. Rat id-dokumenti esebiti;

4. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

5. Illi l-vertenza in dizamina hi limitata ghal ezami tal-fatti kif esposti biex jigi konkluz jekk il-mandat *de quo* hux wiehed legittimu jew le *ai termini* tal-artiklu 836 tal-Kap 12 fuq gia` riferit;

6. Illi jirrizulta li bejn il-kontendenti odjerni hemm pendenzi legali rigwardanti l-hlas ta' kontijiet ta' dawl u ilma fuq ir-*restaurant* indikat *de quo*, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

7. Illi l-vertenza in dizamina indikata fil-paragrafu precedenti hi pendenti procedura appozita gia` inoltrata;

8. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li, ta' lanqas *prima facie*, l-intimata odjerna Camilleri qed timxi skont il-ligi meta inoltrat is-sekwestru taghha kontra r-rikorrenti odjerni Groves;

9. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-imsemmija Camilleri kellha bazi legali biex isserrah il-pretensjoni taghha meta intavolat is-sekwestru in dizamina;

**DECIDE:**

10.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti odjerni ma ssodisfawx il-precett legali minnhom indirizzat u konsegwentement, in vista tal-premess:

10.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti odjerni Groves;

10.2. Takkolji r-risposta tal-intimata odjerna Camilleri;

10.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Groves.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------